



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0078/2014

31.1.2014

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jistabbilixxi l-Fond
ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea
(COM(2013)0522 – C7-0231/2013 – 2013/0248(COD))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Rosa Estaràs Ferragut

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	20
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS	24
PROĊEDURA.....	33

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea
(COM(2013)0522 – C7-0231/2013 – 2013/0248(COD))**

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0522),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 212(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0231/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0078/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Allavolja l-Fond hu essenzjalment limitat għal diżastri naturali, hemm bżonn li jkun hemm disponibbli strument solidu u flessibbli li jaqdi l-Unjoni u li jippermettilha tagħti sinjal politiku inekwivokabbli liċ-ċittadini milqutin minn sitwazzjonijiet gravi ta' emerġenza.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Id-diżastri naturali fl-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti fin-numru, fis-severità u fl-intensità bħala konsegwenza tat-tibdil fil-klima minn mindu ġie stabbilit il-Fond. Għalhekk, u minħabba l-għanijiet tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ambjentali u l-adattament għat-tibdil fil-klima, hemm bżonn li jittejjeb il-funzjonament tal-Fond.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) "Diżastru naturali maġġuri" skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 għandu jiġi definit bħala li kkawża ħsara diretta iktar mil-livell

(8) "Diżastru naturali maġġuri" għandu jiġi definit bħala diżastru li jikkawża ħsara serja u/jew ikollu impatt negattiv drastiku fuq il-kundizzjonijiet normali tal-għajxien

minimu espress f'termini finanzjarji u għandu jiġi espress bil-prezzijiet tas-sena ta' referenza, jew bħala perċentwal tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-Istat ikkonċernat.

f'żona ġeografika speċifika, kemm jekk ikun ikkawżat minn fenomeni naturali u kemm jekk mill-effetti katastrofiċi tal-azzjoni tal-bniedem b'mod aċċidentali, u li jkun jirrikjedi l-attenzjoni speċjali tal-awtoritajiet pubbliċi u ta' entitajiet oħra ta' natura umanitarja jew ta' servizzi soċjali.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Il-Fond għandu jiġi attivat meta diżastru naturali maġġuri jkun ikkawża ħsara diretta oltre livell minimu li jkun espress f'termini finanzjarji u fil-prezzijiet ta' sena ta' referenza jew bħala perċentwal tal-Introjtju Nazzjonali Gross (ING) tal-Istat ikkonċernat.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Sabiex tkun ikkunsidrata aħjar in-natura speċifika ta' dawk id-diżastri li, għalkemm **importanti**, ma jilhqax l-iskala minima meħtieġa sabiex jibbenefikaw minn kontribuzzjoni mill-Fond, il-kriterji għal diżastri reġjonali għandhom jiġu ddeterminati abbażi tad-dannu kkalkulabbli b'referenza għall-prodott domestiku gross reġjonali (**PDG**). Dawk il-kriterji għandhom jiġu ddeterminati b'mod ċar u sempliċi sabiex inaqqsu l-possibbiltà ta' applikazzjonijiet sottomessi li ma jilhqax ir-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

(9) Sabiex tkun ikkunsidrata aħjar in-natura speċifika ta' dawk id-diżastri li, għalkemm **ikollhom riperkussjonijiet serji fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni kkonċernati**, ma jilhqax l-iskala minima meħtieġa sabiex jibbenefikaw minn kontribuzzjoni mill-Fond, il-kriterji għal diżastri reġjonali għandhom jiġu ddeterminati abbażi tad-dannu kkalkulabbli b'referenza għall-prodott domestiku gross (**PDG**) reġjonali. Dawk il-kriterji għandhom jiġu ddeterminati b'mod ċar u sempliċi sabiex inaqqsu l-possibbiltà ta' applikazzjonijiet sottomessi li ma jilhqax ir-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE)

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Il-Fond għandu jikkontribwixxi għar-restawr tal-infrastruttura biex terġa' tiġi tiffunzjona, għat-tindif taż-żoni milquta mid-diżastru u għall-ispejjeż tas-servizzi tas-salvataġġ **u** għall-akkomodazzjoni temporanja għall-popolazzjoni kkonċernata matul il-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni. Il-firxa ta' żmien li matulu l-akkomodazzjoni kkunsidrata temporanja għall-persuni li jkunu spiċċaw bla dar, għandu jiġi definit ukoll.

Emenda

(11) Il-Fond għandu jikkontribwixxi għar-restawr tal-infrastruttura biex terġa' tiġi tiffunzjona **jew biex terġa' tiġi f'kundizzjoni li tkun tista' tiflaħ iktar għal diżastri naturali, inkluża r-rilokazzjoni,** għat-tindif taż-żoni milquta mid-diżastru u għall-ispejjeż tas-servizzi tas-salvataġġ, għall-akkomodazzjoni temporanja għall-popolazzjoni kkonċernata matul il-perjodu sħiħ ta' implimentazzjoni, **u fejn ikun xieraq, għall-assistenza teknika.** Il-firxa ta' żmien li matulu l-akkomodazzjoni għall-persuni li jkunu spiċċaw bla dar tista' tiġi kkunsidrata temporanja, għandu jiġi definit ukoll, **billi titqies in-natura u l-firxa tad-diżastru u l-kapaċità għall-irkupru ta' kull Stat Membru jew reġjun.**

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Għandu jiġi speċifikat ukoll li **operazzjonijiet** eliġibbli ma għandhomx jinkludu **nefqa** għal assistenza teknika.

Emenda

(13) Għandu jiġi speċifikat ukoll li **għandu jkun possibbli għall-operazzjonijiet** eliġibbli **li** jinkludu **wkoll in-nefqa** għal assistenza teknika.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Ċerti tipi ta' diżastri naturali, ***bħal nixfiet, qed*** jiżviluppaw fuq perjodu ta' żmien itwal qabel ma ***jinħassu*** l-effetti diżastrużi tagħhom. ***Għandha ssir dispożizzjoni li tippermetti l-użu tal-Fond f'każijiet bħal dawn.***

Emenda

(15) Ċerti tipi ta' diżastri naturali, ***li*** jiżviluppaw fuq perjodu ta' żmien itwal qabel ma l-effetti diżastrużi tagħhom ***isiru katastrofiċi, għandhom ikunu eliġibbli għal assistenza mill-Fond. Id-dispożizzjonijiet għandhom jippermettu biżżejjed flessibilità fid-definizzjoni ta' diżastri naturali.***

Emenda 9

**Proposta għal regolament
Premessa 16**

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Istati eliġibbli jagħmlu l-isforzi rekwiżiti biex jevitaw diżastri milli jseħħu u biex jimmitigaw l-effetti tagħhom, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar ***prevenzjoni ta' riskju*** ta' diżastru ***u l-immaniġġar*** u l-użu ta' fondi li jeżistu tal-Unjoni għal investimenti rilevanti. Għaldaqstant għandu jsir provvediment li Stat Membru li jonqos milli jikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni ***ta' riskju*** ta' diżastru ***u l-immaniġġar***, wara li jkun irċieva kontribuzzjoni mill-Fond għal diżastru naturali preċedenti, jista' jirriżulta li tiġi rifjutata l-applikazzjoni jew fi tnaqqis tal-ammont tal-kontribuzzjoni fl-eventwalità ta' applikazzjoni ulterjuri għal diżastru tal-istess natura.

Emenda

(16) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Istati eliġibbli jagħmlu l-isforzi rekwiżiti biex jevitaw diżastri milli jseħħu u biex jimmitigaw l-effetti tagħhom, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni ***u l-immaniġġar ta' riskji*** ta' diżastru u l-użu ta' fondi li jeżistu tal-Unjoni għal investimenti rilevanti. Għaldaqstant għandu jsir provvediment li Stat Membru li jonqos milli jikkonforma mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni ***u l-immaniġġar sostenibbli tar-riskji*** ta' diżastru, wara li jkun irċieva kontribuzzjoni mill-Fond għal diżastru naturali preċedenti, jista' jirriżulta li tiġi rifjutata l-applikazzjoni jew fi tnaqqis tal-ammont tal-kontribuzzjoni fl-eventwalità ta' applikazzjoni ulterjuri għal diżastru tal-istess natura.

Emenda 10

**Proposta għal regolament
Premessa 18**

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Il-proċeduri amministrattivi li jwasslu għall-ħlas ta' kontribuzzjoni għandhom ikunu kemm jista' jkun sempliċi u effiċjenti fil-ħin. Għall-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fond, għandhom għaldaqstant jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet **ta' implimentazzjoni** li jagħtu l-kontribuzzjoni. Madankollu, għall-Istati benefiċjarji li għadhom mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea, għal raġunijiet ġuridiċi għandhom jinżammu ftehimiet ta' implimentazzjoni separati.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 1

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

1. B'talba ta' Stat Membru jew ta' pajjiż involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni, l-assistenza mill-Fond tista' tiġi mmobilizzata meta jokkorru riperkussjonijiet serji għall-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija f'reġjun wieħed jew iktar ta' dak l-Istat jew pajjiż bħala konsegwenza ta' diżastru naturali reġjonali jew maġġuri li jkun seħħ fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew pajjiż, fi Stat Membru tal-viċinat jew f'pajjiż tal-viċinat involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni (iktar 'il quddiem "l-Istat eliġibbli"). Ħsara diretta kkawżata minn diżastru magħmul mill-bniedem li **hija l-kawża** diretta ta' diżastru naturali għandha titqies bħala parti mill-ħsara diretta kkawżata minn **diżastru** naturali

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

Emenda

(18) Il-proċeduri amministrattivi li jwasslu għall-ħlas ta' kontribuzzjoni għandhom ikunu kemm jista' jkun sempliċi u effiċjenti fil-ħin. Għall-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fond, għandhom għaldaqstant jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet li jagħtu l-kontribuzzjoni. Madankollu, għall-Istati benefiċjarji li għadhom mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea, għal raġunijiet ġuridiċi għandhom jinżammu ftehimiet ta' implimentazzjoni separati.

Emenda

1. B'talba ta' Stat Membru jew ta' pajjiż involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni, l-assistenza mill-Fond tista' tiġi mmobilizzata meta jokkorru riperkussjonijiet serji għall-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija f'reġjun wieħed jew iktar ta' dak l-Istat jew pajjiż bħala konsegwenza ta' diżastru naturali reġjonali jew maġġuri li jkun seħħ fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew pajjiż, fi Stat Membru tal-viċinat jew f'pajjiż tal-viċinat involut f'negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni (iktar 'il quddiem "l-Istat eliġibbli"). Ħsara diretta kkawżata minn diżastru magħmul mill-bniedem li **jkun il-konsegwenza** diretta ta' diżastru naturali għandha titqies bħala parti mill-ħsara diretta kkawżata minn **dak id-diżastru** naturali

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

“diżastru naturali maġġuri” tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta, fi Stat Membru jew pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni, fi ħsara diretta stmata jew iktar minn EUR 3 000 000 000 bil-prezzijiet tal-2011, jew iktar minn 0,6 % tal-introjtu nazzjonali gross tiegħu (*IGN*).

3. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, “diżastru naturali reġjonali” tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta, f’reġjun ta’ Stat Membru jew kwalunkwe pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni *fil-livell NUTS 2, involut fi ħsara diretta li taqbeż il-1,5 % tal-prodott domestiku gross (PDG)*. Meta d-diżastru jikkonċerna diversi reġjuni fil-livell NUTS 2, jiġi applikat il-limitu minimu *tal-medja* peżata tal-PDG ta’ dawk ir-reġjuni.

4. L-assistenza mill-Fond tista’ tkun mobilizzata wkoll għal kwalunkwe diżastru naturali fi Stat eliġibbli li huwa diżastru naturali maġġuri fi Stat Membru tal-viċinat jew pajjiż involut f’negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni.

5. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, tintuża *dejta* statistika armonizzata pprovduta mill-EUROSTAT."

“diżastru naturali maġġuri” tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta, fi Stat Membru jew pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni, fi ħsara diretta stmata jew iktar minn EUR 3 000 000 000 bil-prezzijiet tal-2011, jew iktar minn 0,6 % tal-introjtu nazzjonali gross tiegħu (*ING*).

3. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, diżastru naturali reġjonali *li jirriżulta fi ħsara diretta li taqbeż il-1 % tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) f’reġjun fil-livell NUTS 2 jew f’diversi reġjuni konfinanti fil-livell NUTS 3 li flimkien ikunu jikkostitwixxu territorju li jikkorrispondi għall-kriterji minimi tal-livell NUTS 2*, ta’ Stat Membru jew kwalunkwe pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni; Meta d-diżastru jikkonċerna diversi reġjuni *li jkun jistgħu jitolbu assistenza mill-Fond*, fil-livell NUTS 2 *jew NUTS 3 li jkun jikkostitwixxu territorju ekwivalenti għal unità NUTS 2*, jiġi applikat il-limitu minimu *għall-medja* peżata tal-PDG ta’ dawk ir-reġjuni.

Anke s-sitwazzjoni partikolari tar-reġjuni iżolati remoti, bħar-reġjuni insulari u dawk l-aktar imbiegħda, fejn hemm impatt dirett fuq settur ta' attività jew kategorija ta' infrastruttura sħaħ, għandha tiġi kkunsidrata meta tkun qed tiġi vvalutata l-ħsara skont dan il-paragrafu.

4. L-assistenza mill-Fond tista’ tkun mobilizzata wkoll għal kwalunkwe diżastru naturali fi Stat eliġibbli li huwa diżastru naturali maġġuri *jew diżastru naturali reġjonali* fi Stat Membru tal-viċinat jew pajjiż involut f’negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni.

5. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, *għandha* tintuża *l-aħħar data* statistika armonizzata *disponibbli* pprovduta mill-EUROSTAT."

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 2

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-assistenza tiegħu l-forma ta' kontribuzzjoni mill-Fond. Għal kull diżastru naturali tingħata kontribuzzjoni unika lill-Istat eliġibbli.
2. L-għan tal-Fond huwa li ***jikkumplimenta*** l-isforzi tal-Istati kkonċernati u li jkopri parti min-nefqa pubblika tagħhom sabiex jgħinu lill-Istat eliġibbli jwettaq ***l-emerġenza*** essenzjali u ***l-operazzjonijiet*** ta' rkupru li ġejjin, skont it-tip ta' diżastru:
 - (a) ir-restawr tal-infrastruttura u l-impjanti ***biex jerġgħu jġu jiffunzjonaw*** fl-oqsma tal-enerġija, l-ilma u d-drenaġġ, it-telekomunikazzjonijiet, it-trasport, is-saħħa u l-edukazzjoni;
 - (b) il-provvediment ta' akkomodazzjoni temporanja u l-finanzjament ta' servizzi ta' salvataġġ sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-popolazzjoni kkonċernata;
 - (c) l-iżgurar ta' infrastrutturi preventivi u ta' miżuri ta' protezzjoni tal-wirt kulturali;
 - (d) it-tindif ***ta' oqsma*** milquta minn diżastru, inklużi żoni naturali.

Għall-finijiet tal-punt (b),

Emenda

1. L-assistenza tiegħu l-forma ta' kontribuzzjoni mill-Fond. Għal kull diżastru naturali tingħata kontribuzzjoni unika lill-Istat eliġibbli.
2. L-għan tal-Fond huwa li ***jikkomplementa*** l-isforzi tal-Istati kkonċernati u li jkopri parti min-nefqa pubblika tagħhom sabiex jgħinu lill-Istat eliġibbli jwettaq ***l-operazzjonijiet*** essenzjali ***ta' emerġenza*** u ta' rkupru li ġejjin, skont it-tip ta' diżastru:
 - (a) ir-restawr ***għal stat ta' funzjonament*** tal-infrastruttura u l-impjanti fl-oqsma tal-enerġija, l-ilma u d-drenaġġ, it-telekomunikazzjonijiet, it-trasport ***u l-faċilitajiet ta' trasport, kif ukoll*** is-saħħa u l-edukazzjoni;
 - (b) il-provvediment ta' akkomodazzjoni temporanja u l-finanzjament ta' servizzi ta' salvataġġ sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-popolazzjoni kkonċernata;
 - (c) l-iżgurar ta' infrastrutturi preventivi u ta' miżuri ta' protezzjoni tal-wirt kulturali;
 - (d) it-tindif ***tal-inħawi*** milquta minn diżastru, inklużi żoni naturali, ***skont approċċi bbażati fuq l-ekosistemi.***

Għall-finijiet tal-punt (a), "ir-restawr għal stat ta' funzjonament" tfisser ir-ritorn għall-kundizzjoni oriġinali, fejn ikun xieraq, jew ir-restawr f'forma li tkun tista' ttejjeb il-kapaċità ta' reżistenza għal diżastru naturali fil-ġejjieni, inkluż ir-rilokazzjoni tal-proġetti infrastrutturali li jkun evidenti li jinsabu f'post fejn jaf jerġgħu jġu mhedda b'diżastru naturali;

Għall-finijiet tal-punt (b),

"akkomodazzjoni temporanja" tfisser akkomodazzjoni li ddum sakemm il-popolazzjoni kkonċernata tkun tista' tmur lura għad-djar oriġinali tagħhom wara li jkunu ssewwew jew inbnew mill-ġdid.

3. Il-ħlasijiet mill-Fond huma limitati għall-finanzjament ta' miżuri li jtaffu l-ħsara li **mhijiex inxurjata u li tiġi rkuprata** jekk l-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsara jitħallsu minn parti terza b'konformità mal-Artikolu 8(3).

4. It-taxxa fuq il-valur miżjud ma tikkostitwixxix nefqa eliġibbli ta' operazzjoni, ħlief fil-każ ta' VAT li ma **tiġix irkuprata** skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT.

5. L-assistenza teknika, inklużi l-immaniġġar, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-soluzzjoni għall-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar, **mhijiex** eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond.

6. Il-kontribuzzjoni totali mill-Fond **ma twassalx** għall-ġenerazzjoni ta' dħul li jaqbeż l-ispiża totali tal-operazzjonijiet tal-emerġenza u rkupru mġarrba mill-Istat. L-Istat benefiċjarju jinkludi **dikjarazzjoni għal dak l-effett** fir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Fond skont l-Artikolu 8(3).

7. Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart mill-ammont annwali għandu jibqa' disponibbli biex ikopri l-bżonnijiet li jinqalgħu sal-aħħar tas-sena.

"akkomodazzjoni temporanja" tfisser akkomodazzjoni li ddum sakemm il-popolazzjoni kkonċernata tkun tista' tmur lura għad-djar oriġinali tagħhom wara li jkunu ssewwew jew inbnew mill-ġdid.

3. Il-ħlasijiet mill-Fond huma limitati għall-finanzjament ta' miżuri li jtaffu l-ħsara li **ma tistax tiġi assigurata u għandhom jiġu rkuprati** jekk l-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsara jitħallsu minn parti terza b'konformità mal-Artikolu 8(3).

4. It-taxxa fuq il-valur miżjud ma tikkostitwixxix nefqa eliġibbli ta' operazzjoni, ħlief fil-każ ta' VAT li ma **tkunx tista' tiġi rkuprata** skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT.

5. L-assistenza teknika, inklużi l-immaniġġar, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-soluzzjoni għall-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar, **tista' tkun** eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond, **sakemm tkun essenzjali biex issir il-ħidma ta' riabilitazzjoni u li ma taqbiżx it-2 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjoni.**

6. Il-kontribuzzjoni totali mill-Fond **m'għandhiex twassal** għall-ġenerazzjoni ta' dħul li jaqbeż l-ispiża totali tal-operazzjonijiet tal-emerġenza u rkupru mġarrba mill-Istat. L-Istat benefiċjarju **għandu** jinkludi **dikjarazzjoni f'dan is-sens** fir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Fond skont l-Artikolu 8(3).

7. Fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena, mill-inqas kwart mill-ammont annwali għandu jibqa' disponibbli biex ikopri l-bżonnijiet li jinqalgħu sal-aħħar tas-sena.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 1 – punt 2 – sottopunt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ca) ir-restawr ta' kundizzjonijiet sikuri għall-faċilitajiet tal-ajruporti u l-portijiet, postijiet tal-kenn u marini sikuri u miżuri għall-protezzjoni tal-wirt kostali, kif ukoll il-ħolqien ta' kundizzjonijiet sikuri fiż-żoni kostali;

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 3 – punti a, b u c

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 4 – paragrafi 1, 1a u 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn ***għaxar ġimgħat*** wara l-ewwel okkorrenza tal-ħsara bħala konsegwenza ta' diżastru naturali, Stat Membru jista' jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-Fond lill-Kummissjoni u jipprovdi l-informazzjoni disponibbli kollha dwar, mill-inqas:

- (a) il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru u l-impatt fuq il-popolazzjoni, l-ekonomija u l-ambjent ikkonċernati;
- (b) l-ispiża stmata tal-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2);
- (c) kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament tal-Unjoni;
- (d) kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament nazzjonali jew internazzjonali, inkluża kopertura tal-assigurazzjoni pubblika u privata li tista' tikkontribwixxi għall-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsara;
- (e) ***l-implimentazzjoni*** tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni ***ta' riskju*** ta' diżastru ***u mmaniġġar relatat għan-natura***

1. Malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn ***ħmistax-il ġimgħa*** wara l-ewwel okkorrenza tal-ħsara bħala konsegwenza ta' diżastru naturali, Stat Membru jista' jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-Fond lill-Kummissjoni u jipprovdi l-informazzjoni disponibbli kollha dwar, mill-inqas:

- (a) il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru u l-impatt fuq il-popolazzjoni, l-ekonomija u l-ambjent ikkonċernati;
- (b) l-ispiża stmata tal-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2);
- (c) kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament tal-Unjoni;
- (d) kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament nazzjonali jew internazzjonali, inkluża kopertura tal-assigurazzjoni pubblika u privata li tista' tikkontribwixxi għall-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsara;
- (e) ***valutazzjoni qasira tal-implimentazzjoni*** tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni ***u l-immaniġġar tar-riskji*** ta' diżastru ***relatati***

tad-diżastru;

(f) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar il-miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni li jkunu ttieħdu b'relazzjoni għan-natura tad-diżastru.

1a. Fil-każ ta' diżastru li jittfaċċa progressivament, l-iskadenza ta' **għaxar ġimgħat** għall-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tibda tgħodd mid-data li fiha l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat eliġibbli jieħdu azzjoni uffiċjali għall-ewwel darba kontra l-effetti tad-diżastru.

2. Abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, kwalunkwe kjarifika li għandha tiġi pprovduta mill-Istat eliġibbli, il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond jintlahqax u tiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjoni possibbli mill-Fond kemm jista' jkun malajr fil-limiti disponibbli ta' riżorsi finanzjarji.

Jekk il-Kummissjoni tkun tat kontribuzzjoni mill-Fond abbażi ta' applikazzjoni li tkun waslet wara d-data [jj/xx/ssss] għal diżastru ta' natura partikolari, hija tista' tirrifjuta applikazzjoni ulterjuri għal kontribuzzjoni relatata ma' diżastru tal-istess natura jew tnaqqas l-ammont li għandu jingħata meta l-Istat Membru eliġibbli huwa suġġett għal proċeduri ta' ksur u jkun ingħata opinjoni mmotivata għal nuqqas ta' implimentazzjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġar ta' riskju ta' diżastru li s-suġġett tiegħu jikkorrispondi għan-natura tad-diżastru mġarrab.

Il-Kummissjoni tittratta l-applikazzjonijiet kollha għal kontribuzzjoni mill-Fond b'mod ekwitabbli.

man-natura tad-diżastru;

(f) kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra dwar il-miżuri ta' prevenzjoni u mitigazzjoni li jkunu ttieħdu b'relazzjoni għan-natura tad-diżastru.

1a. Fil-każ ta' diżastru li jittfaċċa progressivament, l-iskadenza ta' **ħmistax-il ġimgħa** għall-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tibda tgħodd mid-data li fiha l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat eliġibbli jieħdu azzjoni uffiċjali għall-ewwel darba kontra l-effetti tad-diżastru.

2. Abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, **u ta'** kwalunkwe kjarifika li għandha tiġi pprovduta mill-Istat eliġibbli, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond jintlahqax u tiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjoni possibbli mill-Fond kemm jista' jkun malajr, **u mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara li tirċievi l-applikazzjoni, li jibdew jgħoddu mid-data meta tasal l-applikazzjoni sħiħa u mingħajr ma jiġi kkalkolat iż-żmien meħtieġ għat-traduzzjoni**, fil-limiti disponibbli ta' riżorsi finanzjarji.

Jekk il-Kummissjoni tkun tat kontribuzzjoni mill-Fond abbażi ta' applikazzjoni li tkun waslet wara d-data [jj/xx/ssss] għal diżastru ta' natura partikolari, hija tista' tirrifjuta applikazzjoni ulterjuri għal kontribuzzjoni relatata ma' diżastru tal-istess natura jew tnaqqas l-ammont li għandu jingħata meta l-Istat Membru eliġibbli huwa suġġett għal proċeduri ta' ksur u jkun ingħata opinjoni mmotivata għal nuqqas ta' implimentazzjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġar ta' riskju ta' diżastru li s-suġġett tiegħu jikkorrispondi għan-natura tad-diżastru mġarrab.

Il-Kummissjoni **għandha** tittratta l-applikazzjonijiet kollha għal kontribuzzjoni mill-Fond b'mod ekwitabbli.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 4a

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-Fond lill-Kummissjoni, Stat Membru jista' jitlob il-ħlas bil-quddiem.

Il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni preliminari dwar jekk l-applikazzjoni tissodisfax il-kundizzjonijiet **stiuplati** fl-Artikolu 4(1) u tivverifika d-disponibbiltà ta' riżorsi baġitarji. Meta **dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfati u r-riżorsi suffiċjenti huma disponibbli**, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħti pagament bil-quddiem u li tħallsu mingħajr dewmien qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4(4). Il-ħlas ta' pagament bil-quddiem huwa mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont tal-pagament bil-quddiem **ma jaqbiżx l-10 %** tal-ammont tal-kontribuzzjoni antiċipat u **fi kwalunkwe każ ma jaqbiżx EUR 30 000 000**. Ladarba jkun ġie determinat l-ammont definittiv tal-kontribuzzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra s-somma tal-pagament bil-quddiem qabel ma jitħallas il-bilanċ tal-kontribuzzjoni. Il-Kummissjoni tirkupra **pagamenti** bil-quddiem mhux dovuti.

3. Sabiex jiżguraw disponibbiltà fil-ħin tar-riżorsi baġitarji, l-ammonti mill-Fond, **mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni**, irkuprati mill-Istati Membri, sa massimu ta' EUR 50 000 000, ikunu disponibbli għall-Fond bħala dħul assenjat intern. L-

Emenda

1. Meta jissottometti applikazzjoni għal kontribuzzjoni mill-Fond lill-Kummissjoni, Stat Membru jista' jitlob il-ħlas bil-quddiem.

Il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni preliminari dwar jekk l-applikazzjoni tissodisfax il-kundizzjonijiet **stipulati** fl-Artikolu 4(1) u tivverifika d-disponibbiltà ta' riżorsi baġitarji. Meta **jiġu sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet u jkunu disponibbli riżorsi suffiċjenti**, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħti pagament bil-quddiem u li tħallsu mingħajr dewmien qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4(4). Il-ħlas ta' pagament bil-quddiem huwa mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont tal-pagament bil-quddiem **m'għandux jaqbeż il-15 %** tal-ammont tal-kontribuzzjoni antiċipat u **fl-ebda każ m'għandu jaqbeż l-EUR 40 000 000**. Ladarba jkun ġie determinat l-ammont definittiv tal-kontribuzzjoni, il-Kummissjoni **għandha** tikkunsidra s-somma tal-pagament bil-quddiem qabel ma jitħallas il-bilanċ tal-kontribuzzjoni. Il-Kummissjoni **għandha** tirkupra **l-pagamenti** bil-quddiem mhux dovuti.

3. Sabiex jiżguraw disponibbiltà fil-ħin tar-riżorsi baġitarji, l-ammonti mill-Fond, irkuprati mill-Istati Membri, sa massimu ta' EUR 50 000 000, **għandhom** ikunu disponibbli għall-Fond bħala dħul assenjat intern. **Anke l-ammonti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-**

ammonti li jkunu ntefqu bħala pagamenti bil-quddiem jew li jkunu ġew **dikummissjonati** fil-baġit, jiġu sostitwiti hekk kif ammonti ġodda jkunu ġew irkuprati mill-Istati Membri.

Fond ta' Koeżjoni li jiġu rkuprati mill-Istati Membri bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u mar-Regolament (UE) Nru 1083/2006 jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni bħala dħul assenjat intern jekk l-irkupri mill-FSUE ma jkunux biżżejjed. L-ammonti li jkunu ntefqu bħala pagamenti bil-quddiem jew li jkunu ġew **diżimpenjati** fil-baġit, **għandhom** jiġu sostitwiti hekk kif ammonti ġodda jkunu ġew irkuprati mill-Istati Membri.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 7

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond, ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u strumenti adottati taħtu, **b'politiki u miżuri** tal-Unjoni, b'mod partikolari **f'oqsma** ta' mmaniġġar finanzjarju u akkwist pubbliku u **bi strumenti** ta' assistenza qabel l-adeżjoni. Dawn l-operazzjonijiet jikkontribwixxu, fejn **possibbli**, għall-objettivi tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ħarsien tal-ambjent, il-prevenzjoni u l-immaniġġar **tar-riskju** ta' diżastru u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Emenda

L-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond **għandhom** ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u strumenti adottati taħtu, **mal-politiki u l-miżuri** tal-Unjoni, b'mod partikolari **fl-oqsma** ta' mmaniġġar finanzjarju u akkwist pubbliku u **mal-istrumenti** ta' assistenza qabel l-adeżjoni. Dawn l-operazzjonijiet **għandhom** jikkontribwixxu, fejn **applikabbli**, għall-objettivi tal-politiki tal-Unjoni dwar il-ħarsien tal-ambjent, il-prevenzjoni u l-immaniġġar **tar-riskji** ta' diżastru u l-adattament għat-tibdil fil-klima **inklużi approċċi bbażati fuq l-ekosistemi.**

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 8

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 8

1. Il-kontribuzzjoni mill-Fond għandha tintuża fi żmien *sena* mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun ħallset l-ammont sħiħ ta' assistenża. Kwalunkwe parti tal-kontribuzzjoni li tibqa' ma tintużax sa dik l-iskadenza jew jinstab li tintuża għal operazzjonijiet mhux eliġibbli, jiġu rkuprati mill-Kummissjoni mill-Istat benefiċjarju.
2. L-Istati ***Benefiċjarji*** jitolbu l-kumpens kollu ***possibbli*** minn partijiet terzi.
3. Mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' *sena* msemmi fil-paragrafu 1, l-Istat benefiċjarju jippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fond b' dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa, li jindika kwalunkwe sors ta' finanzjament ieħor li jkun wasal għall-operazzjonijiet ikkonċernati, inklużi saldi tal-assigurazzjoni u kumpens minn partijiet terzi.

Ir-rapport jinkludi dettalji dwar miżuri preventivi ***introdotti*** jew proposti mill-Istat benefiċjarju biex tkun limitata ħsara ulterjuri u biex tkun evitata, safejn ikun possibbli, rikorrenza ta' diżastri simili, inkluż l-użu ta' fondi strutturali u ta' investiment tal-Unjoni għal dan l-għan, u l-istat ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġar tar-riskju ta' diżastru.

Jirrapporta wkoll dwar l-esperjenza miksuba mid-diżastru u l-miżuri li jkunu ttieħdu jew li jkunu ġew proposti biex jiżguraw reżiljenza fir-rigward tat-tibdil fil-klima u d-diżastri.

L-implimentazzjoni tar-rapport għandha tkun akkumpanjata minn opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar, imfassla skont

1. Il-kontribuzzjoni mill-Fond għandha tintuża fi żmien ***18-il xahar*** mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun ħallset l-ammont sħiħ ta' assistenża. Kwalunkwe parti tal-kontribuzzjoni li tibqa' ma tintużax sa dik l-iskadenza jew jinstab li tintuża għal operazzjonijiet mhux eliġibbli, ***għandhom*** jiġu rkuprati mill-Kummissjoni mill-Istat benefiċjarju.
2. L-Istati ***benefiċjarji għandhom*** jitolbu l-kumpens kollu ***legalment permess*** minn partijiet terzi.
3. Mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***18-il xahar*** imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istat benefiċjarju ***għandu*** jippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni mill-Fond b' dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa, li jindika kwalunkwe sors ta' finanzjament ieħor li jkun wasal għall-operazzjonijiet ikkonċernati, inklużi saldi tal-assigurazzjoni u kumpens minn partijiet terzi.

Ir-rapport ***dwar l-implimentazzjoni għandu*** jinkludi dettalji dwar miżuri preventivi ***meħuda*** jew proposti mill-Istat benefiċjarju biex tkun limitata ħsara ulterjuri u biex tkun evitata, safejn ikun possibbli, rikorrenza ta' diżastri simili, inkluż l-użu ta' fondi strutturali u ta' investiment tal-Unjoni għal dan l-għan, u l-istat ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġar tar-riskju ta' diżastru. ***Għandu jirrapporta*** wkoll dwar l-esperjenza miksuba mid-diżastru u l-miżuri li jkunu ttieħdu jew li jkunu ġew proposti biex jiżguraw ***protezzjoni ambjentali u*** reżiljenza fir-rigward tat-tibdil fil-klima u d-diżastri.

Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni għandu jkun akkumpanjat minn opinjoni ta' korp indipendenti tal-awditjar, imfassla

standards aċċettati internazzjonalment tal-awditjar, li tistabbilixxi li d-dikjarazzjoni li tiġġustifika l-kontribuzzjoni mill-Fond hija legali u regolari, b'konformità mal-Artikolu 59(5) u l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Fl-aħħar tal-proċedura msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni twaqqaf *assistenza* mill-Fond.

4. Meta l-ispiża tat-tiswijiet sussegwentement titħallas minn parti terza, il-Kummissjoni titlob lill-Istat benefiċjarju jirrimborża ammont korrispondenti għall-kontribuzzjoni mill-Fond.

skont standards aċċettati internazzjonalment tal-awditjar, li tistabbilixxi li d-dikjarazzjoni li tiġġustifika l-kontribuzzjoni mill-Fond hija legali u regolari, b'konformità mal-Artikolu 59(5) u l-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Fl-aħħar tal-proċedura msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni *għandha* twaqqaf *l-assistenza* mill-Fond.

4. Meta l-ispiża tat-tiswijiet sussegwentement titħallas minn parti terza, il-Kummissjoni *għandha* titlob lill-Istat benefiċjarju jirrimborża ammont korrispondenti għall-kontribuzzjoni mill-Fond.

NOTA SPJEGATTIVA

SFOND

Il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE ("il-Fond") inħoloq bħala reazzjoni għal sitwazzjonijiet ta' diżastru naturali u biex jesprimi s-solidarjetà Ewropea fir-rigward tar-reġjuni milqutin fl-Ewropa. Il-Fond inħoloq b'segwitu għad-diversi każi ta' għargħar li seħħew fiċ-ċentru tal-Ewropa fis-sajf tal-2002. Jissussidja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati milqutin minn diżastru naturali.

Il-karatteristiċi ewlenin ta' dan l-istrument s'issa kienu:

- fil-każ ta' "diżastru naturali", hemm biss kriterju wieħed għall-eliġibilità: jekk il-ħsara tkunx taqbeż il-livell minimu speċifikat għal kull pajjiż;
- il-Fond jista' jintervjeni wkoll f'sitwazzjonijiet ta' skala iżgħar, fl-hekk imsejħa "diżastri reġjonali", fejn tkun intlaqtet il-maġġoranza tal-popolazzjoni ta' reġjun, u jekk jiġi kkunsidrat li d-diżastru se jkollu effetti serji u dejjiema fuq l-istabilità ekonomika u l-kundizzjonijiet tal-għajxien;
- il-finanzjament isir b'pagament wieħed. M'hemmx programmazzjoni jew ħtieġa ta' kofinanzjament;
- peress li r-riżorsi supplimentari jiġu minn barra l-baġit tal-UE, il-Kummissjoni ma tistax tiddeċiedi waħedha rigward l-assistenza finanzjarja. Jekk tikkunsidra li applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti, hi tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-Fond lill-awtorità baġitarja (il-Kunsill u l-Parlament Ewropew).

Il-Fond jissupplementa l-infiq pubbliku min-naħa tal-Istati Membri għall-finanzjament tal-operazzjonijiet essenzjali ta' emerġenza mwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi, bħal:

- ir-restawr tal-infrastrutturi essenzjali, pereżempju tal-enerġija, l-ilma, it-trasport, it-telekomunikazzjonijiet, is-saħħa u l-edukazzjoni;
- l-alloġġ temporanju u l-finanzjament tas-servizzi ta' emerġenza biex jiġu moqdiya l-ħtiġijiet immedjati tal-popolazzjoni;
- l-iżgurar tal-infrastrutturi ta' prevenzjoni bħal digi u ħitan ta' lqugħ;
- miżuri għall-protezzjoni tal-patrimonju kulturali;
- l-operazzjonijiet ta' tindif.

Il-ħsara privata, bħall-ħsara għall-proprjetà privata, jew it-telf ta' introjtu, inkluż fis-settur agrikolu, hi meqjusa bħala assigurabbli u għaldaqstant mhix koperta.

L-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiżi milqutin jistgħu jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien 10 ġimgħat minn meta jfeġġu l-ewwel ħsarat. Il-Kummissjoni mbagħad tivvaluta l-applikazzjoni u tiddeċiedi jekk il-Fond għandux jiġi attiv, flimkien mal-ammont tal-għajjnuna kkunsidrat bħala xieraq, u tipproponi l-mobilizzazzjoni tiegħu lill-Awtorità Baġitarja. L-assistenza tingħata f'pagament wieħed wara li jiġi ffirmat ftehim ta' implimentazzjoni mal-Istat benefiċjarju.

Mill-2002, il-Fond ġie mobilizzat għal 52 diżastru, li kienu jinkludu sensiela ta' diversi avvenimenti katastrofiċi bħal għargħar, nirien forestali, terremoti, maltempati u żminijiet ta'

nixfa. S'issa kienu 23 il-pajjiżi li ngħataw appoġġ, appoġġ li jammonta għal EUR 3.2 biljun.

ĠUSTIFIKAZZJONI GĦALL-BDIL TAL-LEĠIŻLAZZJONI FIS-SEĦĦ

Minn mindu nħoloq, kienet evidenti l-ħtieġa ta' tibdil biex jintlaħqu l-aspettattivi tal-pajjiżi u r-reġjuni milqutin mid-diżastri li jistennew għajjnuna mill-UE. Allavolja ġeneralment l-istrument jilħaq l-objettivi tiegħu, hu meqjus li r-reazzjoni tiegħu mhix daqstant effikaċi daqs kemm għandha tkun, u dan hu rifless pereżempju fil-fatt li l-kriterji speċifiċi għall-attivazzjoni tiegħu huma kkomplikati wisq jew mhumiex ċari biżżejjed.

Il-proċedura għall-ġhoti tal-għajjnuna hija twila ħafna, u ġeneralment il-ħlas tas-sussidju jsir madwar sena wara li jkun seħħ id-diżastru.

Allavolja l-istrument ħadem sew fil-każ tad-diżastri naturali maġġuri, żewġ terzi tal-applikazzjonijiet li ntbagħtu kienu jirrigwardaw l-hekk imsejħa diżastri reġjonali, bi ħsarat li ma kinux jaqbu l-livell minimu. Maġġoranza kbira minn dawn l-applikazzjonijiet ma tissodisfax il-kriterji u jkollha tiġi rifjutata, biex b'hekk jinħlew ħin, riżorsi u aspettattivi.

Għaldaqstant, sabiex jiżdiedu s-sensittività u l-viżibilità tal-Fond, għandhom jittejjbu u jiġu ssemplifikati l-passi proċedurali, jiġu introdotti pagamenti bil-quddiem u jiġu ċċarati dispożizzjonijiet speċifiċi b'mod li l-assistenza tkun tista' tingħata aktar malajr milli jiġri attwalment.

PROPOSTA LEĠIŻLATTIVA ĠDIDA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

Il-modifiki fundamentali proposti mill-Kummissjoni Ewropea jistgħu jinġabru hekk:

- kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond, li tillimitah għad-diżastri naturali u testendih biex ikopri ż-żminijiet ta' nixfa;
- l-adozzjoni ta' normi aktar ċari dwar l-ammissibilità tad-diżastri reġjonali, li jintroduċu livell minimu wieħed għall-ħsara biex tingħata l-assistenza, ekwivalenti għal 1,5 % tal-Prodott Domestiku Gross reġjonali;
- il-possibilità li, għall-ewwel darba, jingħataw pagamenti bil-quddiem: 10 % tal-kontribuzzjoni prevista, b'limitu massimu ta' EUR 30 miljun;
- proċedura amministrattiva iqsar għall-ġhoti tal-għajjnuna, li tgħaqqad iż-żewġ fażijiet ta' approvazzjoni u implimentazzjoni fi ftehim wieħed;
- l-introduzzjoni ta' miżuri għat-tteġġig ta' strateġiji għall-prevenzjoni tar-riskji ta' diżastri: rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' rapporti u kundizzjonijiet possibbli biex tingħata l-għajjnuna.

Il-kamp ta' applikazzjoni għadu limitat għad-diżastri naturali fl-Istati Membri u l-pajjiżi li qed jinneogzjaw adeżjoni mal-Unjoni. Il-pajjiżi għandhom jagħmlu l-applikazzjoni tagħhom fi żmien għaxar ġimgħat mill-ewwel ġurnata tad-diżastru. Il-livell minimu tal-ħsara biex jiġi attivat il-fond (0.6 % tal-ING jew EUR 3 biljun) u t-tip ta' operazzjonijiet li jistgħu jirċievu l-għajjnuna baqgħu ma nbidlux. L-implimentazzjoni tal-għajjnuna, inkluż l-għażla tal-proġetti, l-awditjar u l-kontroll huma r-responsabilità tal-benefiċjarju. Il-modifiki ma jvarjawx il-livell ta' nfiq previst.

Il-finanzjament tal-Fond jinsilet minn barra l-baġit tal-UE, permezz ta' baġit emendatorju.

Dan hu stabbilit fil-ftehim bejn l-istituzzjonijiet. Kull għotja tingħata b'mod separat permezz ta' proposta tal-Kummissjoni li tiġi approvata mill-Istati Membri u mill-Parlament Ewropew. Għandu jiġi rispettata il-perjodu legali minimu rikjest (tal-anqas bejn 8 u 10 ġimgħat) għall-adozzjoni ta' kwalunkwe baġit emendatorju.

KONKLUŻJONIJIET TAR-RAPPORTEUR

Il-Fond hu espressjoni ċara ta' solidarjetà biex tingħata l-għajnuna lir-reġjuni tal-Ewropew u lill-pajjiżi li l-aktar għandhom bżonnha. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tiġbor fiha ħafna mill-proposti mressqa fir-rapport tal-Parlament Ewropew ta' Diċembru 2012 u tippermetti li l-Fond isir aktar rapidu, aktar ċar u aktar faċli biex jintuża. Se tħeġġeġ ukoll lill-pajjiżi jintensifikaw l-isforzi tagħhom fil-prevenzjoni u l-immaniġġar tad-diżastri.

Il-proposta leġiżlattiva l-ġdida tissemplifika r-regoli eżistenti b'mod li l-għajnuna tkun tista' tingħata malajr aktar. Qed tiġi ppjanata wkoll il-possibilità li, għall-ewwel darba, jingħataw pagamenti bil-quddiem. Dawn il-pjanijiet jispjegaw b'mod aktar ċar min u xiex se jkunu eliġibbli, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mad-diżastri reġjonali. Barra minn hekk, ir-riforma tħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji għall-ġestjoni tar-riskji u l-prevenzjoni tad-diżastri. Baqgħu ma nbidlux kemm il-prinċipji tal-Fond, kif ukoll in-natura tal-finanzjament tiegħu minn barra l-baġit tal-UE.

Ikun xieraq li jitfakkar li dan hu wieħed mill-istrumenti Ewropej li jgawdu mill-ogħla rata ta' sodisfazzjon min-naħa taċ-ċittadini Ewropej u li l-eżistenza tiegħu qatt ma ġiet ikkontestata fiha nnifisha. il-korrezzjonijiet li qed jiġu proposti huma għan-nuqqas ta' flessibilità tal-Fond u għall-fatt li jipproċedi bil-mod.

Ikun xieraq li jiġi rikonoxxut u aċċettat li, kif ġa sar evidenti matul in-negozjati għall-baġit pluriennali 2014-2020, il-kriżi għamlitha diffiċli ħafna, kemm għall-Istati Membri u kemm għall-Unjoni, li jżidu l-livelli ta' nfiq tagħhom, kemm f'livell Ewropew, kif ukoll f'dak nazzjonali. Għaldaqstant ir-Rapporteur tifhem li, minħabba t-tendenza ġenerali tal-infiq baġitarju, kien inkonċepibbli li jżiedu r-riżorsi, u b'konsegwenza li jikber il-kamp ta' applikazzjoni, ta' dan il-Fond. Madankollu, hu diffiċli li jiġi aċċettat li l-Fond jitnaqqas b'50 % (minn EUR 1 biljun fil-perjodu attwali 2007-2013 għal EUR 500 miljun kull sena sa mill-2014) meta, sfortunatament, iż-żieda fl-għadd u fis-severità tad-diżastri naturali f'dawn l-aħħar snin kienet notevoli, u, b'konsegwenza tat-tibdil fil-klima u minkejja l-eżerċizzji u l-eżiġenzi ta' prevenzjoni, f'it nistgħu nistennew li se jonqsu.

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea l-ġdid jindika r-responsabilità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha biex jaffrontaw il-konsegwenzi tad-diżastri naturali jew l-atti terroristiċi fit-territorju tal-UE u li, fil-każ li dawn iseħħu, l-UE jrid ikollha biżżejjed riżorsi biex tgħin liċ-ċittadini tagħha.

L-UE għandha tkun, u tixtieq tkun, aktar minn sempliċi suq komuni. H komunità b' destin wieħed, u għandu jkollha l-ħila li dan tixhdu fl-aktar mument diffiċli. Il-Fond ma jistax jiġi ridott b'mod li jkun biss l-applikazzjoni ta' sensiela ta' dispożizzjonijiet amministrattivi u burokratiċi, imma għandu jiġi adattat u jsir aktar flessibbli b'mod li l-azzjoni tal-Unjoni għall-ġid taċ-ċittadini tagħha ssir aktar viżibbli, billi ttejjeb il-kapaċità ta' reazzjoni tagħha, l-aktar meta jseħħ diżastri b'konsegwenzi diretti għan-nies. Hu paradossali li l-Unjoni jkollha aktar

viżibilità u aktar rizzorsi finanzjarji disponibbli għad-diżastri jew il-kriżijiet umanitarji barra mit-territorju tagħha milli għal dawk li jseħħu fih stess; fuq livell globali, l-UE hi l-ikbar donatriċi ta' għajjnuna umanitarja u ta' għajjnuna għall-iżvilupp u, għalhekk, ġieli ċ-ċittadini jsibuha bi tqila biex jifhmu li din mhix kapaċi tirreaġixxi għat-traġedji li, allavolja jkunu ferm iżgħar milli meta jseħħu f'pajjiż terz, jolqtu direttament lil nies fit-territorju tagħha stess.

Minkejja dan, u allavolja kien hemm min baqa' f'tit jew wisq deluż dwar il-limiti tar-riforma proposta, ma nistgħux inxejnu l-importanza tal-bidliet imressqa peress li huma indirizzati biex itejbu u jħaffu l-funzjonament attwali ta' dan l-istrument, li ċertament se jkun jista' jaħdem b'aktar effikaċja u effiċjenza.

Il-baġit tal-UE li dan l-aħħar ġie approvat għas-seba' snin li ġejjin, f'termini reali, esperjenza tnaqqis fir-rizzorsi totali, u naħseb li ħadd ma stenna li l-Fond kien se jiġi riformat bil-mod imħabbar mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tas-sena l-oħra, imma tajjeb li ninnotaw li, fl-2005, intilfet opportunità kbira biex dan l-istrument Ewropew jiġi ttrasformat fl-istrument li jaspira li jkun: l-espressjoni l-aktar viżibbli, deċiżiva u importanti tas-solidarjetà Ewropea lejn iċ-ċittadini tagħha meta jsibu ruħhom f'sitwazzjoni diffiċli.

Il-kriterji kollha trattati mill-Kummissjoni fil-proposta ta' riforma tagħha se jissempifikaw u jiffaċilitaw l-analiżi u t-tnejn min-naħa tal-Istati Membri ta' applikazzjonijiet għal għajjnuna mill-Fond u, bla ebda dubju, għall-Kummissjoni se jissempifikaw ulterjorment l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, peress li se jkun hemm tnaqqis ċar fl-għadd li tirċievi. L-aktar ħaġa li qed insib diffiċli hu li naqsam il-konvinzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li, b'mod parallel mat-tnaqqis fl-applikazzjonijiet għal għajjnuna, se jonqos id-diżappunt meta tiġi rrifjutata applikazzjoni għal għajjnuna. Però fil-fatt dan se jiġri sempliċiment peress li mhux se jkun hemm iċ-ċans li l-applikazzjoni titressaq. Mhux se jaslu daqstant applikazzjonijiet u għaldaqstant mhux se jkun hemm daqstant rifjuti, imma lanqas mhu se tingħata aktar għajjnuna.

Il-proposta għal regolament ġdid tibqa' ma tagħtix risposta liċ-ċittadini kollha li jħabtu wiċċhom ma' sitwazzjoni diffiċli u traġika u li, peress li jappartjenu għall-Unjoni, jistennew att ta' solidarjetà meta jisfaw vittmi ta' diżastru. Madankollu, peress li hu impossibbli li napprovaw strument ekonomikament aħjar, ikollna nagħtu l-approvazzjoni tagħna għall-emendi proposti għaliex iħaffu l-funzjonament ta' dan l-istrument ta' solidarjetà importanti u, b'konsegwenza, itejbu l-effikaċja u l-effiċjenza tiegħu.

22.1.2014

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonal

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea
(COM(2013)0522 – C7-0231/2013 – 2013/0248(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Georgios Stavrakakis

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li temenda r-Regolament attwali (KE) Nru 2012/2002¹ li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) sabiex ikun simplifikat il-funzjonament tiegħu u jsir iktar viżibbli għaċ-ċittadini permezz ta' għadd limitat ta' aġġustamenti tekniċi għar-Regolament. Il-prinċipji tal-istrument jibqgħu l-istess bħalma jagħmel il-metodu ta' finanzjament barra mill-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u l-livell probabbli tan-nefqa.

Il-karatteristiċi ewlenin tal-proposta jinkludu definizzjoni ċara tal-ambitu tal-FSUE limitat għal diżastri naturali; kriterju uniku sempliċi u ġdid għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-FSUE għall-hekk imsejħa "diżastri reġjonali straordinarji" huwa bbażat fuq il-limitu minimu relatat mal-PDG; l-introduzzjoni tal-possibbiltà li jsiru hłasijiet ta' pagament bil-quddiem b'mod rapidu meta ssir talba mill-Istat Membru affettwat; l-inserzjoni ta' dispożizzjoni speċifika sabiex jinkixfu bil-mod diżastri bħan-nixfa; l-introduzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet li jinkoraġġixxu iktar prevenzjoni effettiva tad-diżastri; l-amalgamazzjoni tad-deċiżjoni li tagħti l-għajnuna u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet f'att uniku.

Minn **perspettiva baġitarja**, l-FSUE se jibqa' barra mill-QFP 2014 – 2020, li permezz tiegħu r-riżorsi baġitarji neċessarji għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja jiżdiedu iktar mil-limiti massimi tal-QFP b'deċiżjoni tal-awtorità baġitarja b'allokazzjoni annwali massima ta' EUR 500 miljun (bi prezzijiet tal-2011). In-nefqa attwali tiddependi fuq applikazzjonijiet għal għajnuna sottomessi mill-Istati eliġibbli wara l-okkorrenza ta' diżastri naturali u l-ammont massimu ta' allokazzjoni annwali disponibbli għall-Fond kif deċiż fl-IIA.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

Id-deċiżjoni li jiġi espress l-ammont tal-allokkazzjoni annwali massima tal-Fond bil-prezzijiet tal-2011 (minflok bil-prezzijiet attwali) huwa rifless fil-proposta billi tiġi applikata l-istess bażi għall-ammont ta' EUR 3 biljun, liema huwa wieħed miż-żewġ limiti minimi ta' dannu għad-definizzjoni ta' "diżastri maġġuri". Il-limitu minimu l-ieħor definit bħala 0,6 % tad-dħul nazzjonali gross mhuwiex affettwat.

Ir-rapporteur jaqbel li l-prinċipji ġenerali u l-finanzjament tal-FSUE jibqgħu l-istess iżda jemmen li r-regoli attwali tal-FSUE mhumiex risponsivi u viżibbli b'mod adegwat u sa fejn huma kkonċernati ċerti kriterji għall-attivazzjoni tiegħu, huma wisq ikkumplikati u mhux ċari biżżejjed. Għalhekk, hu jappoġġja bis-sħiħ l-oġġettiv tal-proposta li jitjeb il-funzjonament tal-istrument billi jagħmlu risponsiv iktar malajr u iktar viżibbli għaċ-ċittadini, iktar faċli biex jintuża u d-dispożizzjonijiet tiegħu iktar ċari. B'hekk, ir-rapporteur jissuġġerixxi ftit emendi bil-għan li jitħaffef il-proċess ta' valutazzjoni fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni.

Hu jappoġġja wkoll li tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' "diżastri naturali", inkluż dispożizzjoni speċifika sabiex jinkixfu bil-mod diżastri bħan-nixfa, li se tgħin biex telimina inċertezzi legali eżistenti dwar l-ambitu, għalhekk tiġi evitata s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet li ma jilħqux il-kundizzjonijiet.

Ir-rapporteur jaqbel mal-introduzzjoni tal-kriterju uniku sempliċi u ġdid għall-mobilizzazzjoni eċċezzjonali tal-FSUE għall-hekk imsejja "diżastri reġjonali straordinarji" li huwa bbażat fuq il-limitu minimu relatat mal-PDG, li se jwassal għal simplifikazzjoni konsiderevoli u se jgħin biex jitħaffef b'mod konsiderevoli t-teħid ta' deċiżjonijiet u l-ħlas ta' għotjiet. Madankollu hu jissuġġerixxi li jitnaqqas il-limitu minimu ta' 1,5 % tal-PDG tar-reġjun għal 1,0 % u b'hekk iktar każijiet jistgħu potenzjalment jikkwalifikaw għal għajna biex jintlaħqu iktar ċittadini Ewropej f'każijiet ta' diżastri reġjonali straordinarji.

Hu jaqbel ukoll mal-introduzzjoni tal-possibbiltà li jsiru hłasijiet ta' pagament bil-quddiem b'mod rapidu meta ssir talba mill-Istat Membru affettwat iżda jqis il-limitu ta' 10 % tal-ammont mistenni ta' għajna finanzjarja sa massimu ta' EUR 30 miljun bħala mhux biżżejjed sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet tal-pajjiżi affettwati fi stadji bikrija wara li jkun seħħ id-diżastru. Għalhekk, hu jqis il-limiti ta' 15 % u EUR 40 miljun bħala iktar raġonevoli.

Ir-rapporteur jissuġġerixxi wkoll li assistenza teknika tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond sakemm din ma taqbiżx it-2 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjoni.

Ir-rapporteur jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni kkunsidrat ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar dwar il-prestazzjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-għajna finanzjarja lill-Italja għat-terremot ta' L'Aquila¹ billi tiġi inkluża definizzjoni iktar ċara tat-termi "akkomodazzjoni temporanja" u "operazzjonijiet ta' emerġenza immedjati" kif ukoll dispożizzjoni dwar il-ġenerazzjoni tad-dħul.

Huwa konvint li ċertu livell ta' flessibbiltà meħtieġ sabiex l-għajna finanzjarja tkun disponibbli mill-iktar fis possibbli wara li jkun seħħ diżastru maġġuri, inkluża d-deroga minn

¹ Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport Speċjali Nru 24 2012. Ir-reazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għat-Terremot tal-2009 f'Abruzzo: Ir-rilevanza u l-kost tal-operazzjonijiet.

ċerti dispożizzjonijiet tal-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-proċess li normalment jieħu l-ħin fil-ħatra tal-awtoritajiet tal-implimentazzjoni, inklużi dawk għall-awditjar u l-kontroll, kif ukoll rigward il-ħin tar-rappurtar annwali. Madankollu, din il-flessibbiltà m'għandhiex tfixkel il-ġestjoni finanzjarja soda tal-kontribuzzjoni tal-Fond.

Ir-rapporteur huwa tal-opinjoni li l-prevenzjoni tad-diżastri u l-istat ta' tħejjija huma importanti, billi fuq terminu medju u twil, huwa iktar kost-effettiv biex issir tħejjija u prevenzjoni għal diżastru milli biex ttrrispondi għalih. F'dan ir-rigward, jenfasizza l-ħtieġa li l-FSUE jikkomplementa strumenti oħra ta' finanzjament, bħall-fondi strutturali, meta ssir preparazzjoni u jagħti rispons għad-diżastri naturali, filwaqt li jieħu vantaġġ mill-ħolqien ta' sinerġiji ma' dawn il-mekkaniżmi u programmi assoċjati.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Għandu jiġi speċifikat ukoll li operazzjonijiet eliġibbli ma għandhomx jinkludu nefqa għal assistenza teknika.

imħassar

Emenda 2

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament (KE) Nru 2012/2002
Artikolu 2 – paragrafu 3

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "diżastru naturali reġjonali" tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta, f'reġjun ta' Stat Membru jew kwalunkwe pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni fil-livell NUTS 2, involut fi ħsara diretta li taqbeż *il-1,5* % tal-prodott domestiku gross (PDG). Meta d-diżastru jikkonċerna diversi reġjuni fil-livell NUTS 2, jiġi applikat il-limitu minimu tal-medja peżata tal-PDG ta' dawk ir-reġjuni.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "diżastru naturali reġjonali" tfisser kwalunkwe diżastru naturali li jirriżulta, f'reġjun ta' Stat Membru jew kwalunkwe pajjiż involut fin-negozjati tal-adeżjoni mal-Unjoni fil-livell NUTS 2, involut fi ħsara diretta li taqbeż *il-1* % tal-prodott domestiku gross (PDG). Meta d-diżastru jikkonċerna diversi reġjuni fil-livell NUTS 2, jiġi applikat il-limitu minimu tal-medja peżata tal-PDG ta' dawk ir-reġjuni.

Iżda, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, anke meta l-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ma jiġux sodisfatti, reġjun jista' jibbenefika wkoll mill-assistenza mill-Fond, fejn dak ir-reġjun ikun ġie affettwat minn diżastru straordinarju, prinċipalment wieħed naturali, li jaffettwa l-parti l-kbira tal-popolazzjoni tiegħu, b'riperkussjonijiet serji u li jdumu fuq il-kundizzjonijiet ta' għajxien u l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun. L-assistenza annwali totali taħt dan is-subparagrafu għandha tkun limitata għal mhux aktar minn 7,5 % tal-ammont annwali disponibbli għall-Fond. Tingħata attenzjoni partikolari għal reġjuni remoti jew iżolati, bħall-gżejjer u reġjuni l-aktar imbiegħda kif definiti fl-Artikolu 349(2) tat-Trattat. Il-Kummissjoni għandha teżamina bl-aktar mod rigoruż kull talba li tiġi ppreżentata lilha taħt dan is-subparagrafu.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Regolament 2012/2002
Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni l-aktar imbiegħda definiti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, li huma iktar vulnerabbli għall-avvenimenti tat-temp estremi.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Regolament 2012/2002

Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, tintuża dejta statistika armonizzata pprovduta mill-EUROSTAT.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, tintuża ***l-aħħar*** dejta statistika armonizzata ***disponibbli*** pprovduta mill-EUROSTAT.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. L-assistenza teknika, inklużi l-immaniġġar, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-soluzzjoni għall-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar, mhijiex eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond.

5. L-assistenza teknika, inklużi l-immaniġġar, il-monitoraġġ, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, is-soluzzjoni għall-ilmenti, u l-kontroll u l-awditjar, hija eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond, ***iżda ma tistax taqbeż it-2 % tal-ammont totali tal-kontribuzzjoni.***

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 –punt c

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, kwalunkwe kjarifika li għandha tiġi pprovduta mill-Istat eliġibbli, il-Kummissjoni tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond jintlahqax u tiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjoni possibbli mill-Fond kemm jista' jkun malajr fil-limiti disponibbli ta' riżorsi finanzjarji.

Emenda

2. Abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, kwalunkwe kjarifika li għandha tiġi pprovduta mill-Istat eliġibbli, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond jintlahqax u tiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjoni possibbli mill-Fond kemm jista' jkun malajr, ***u mhux iktar tard minn ħames ġimgħat wara li tirċievi l-applikazzjoni***, fil-limiti disponibbli ta' riżorsi finanzjarji.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 4a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni preliminari dwar jekk l-applikazzjoni tissodisfax il-kundizzjonijiet stiplati fl-Artikolu 4(1) u tivverifika d-disponibbiltà ta' riżorsi baġitarji. Meta dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfati u r-riżorsi suffiċjenti huma disponibbli, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħti pagament bil-quddiem u li tħallsu mingħajr dewmien qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4(4). Il-ħlas ta' pagament bil-quddiem huwa mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni preliminari ***mingħajr dewmien*** dwar jekk l-applikazzjoni tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1) u tivverifika d-disponibbiltà ta' riżorsi baġitarji. Meta dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfati u r-riżorsi suffiċjenti huma disponibbli, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li tagħti pagament bil-quddiem u li tħallsu mingħajr dewmien qabel ma tkun ittieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 4(4). Il-ħlas ta' pagament bil-quddiem huwa mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 4a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ammont tal-pagament bil-quddiem ma jaqbiżx ***l-10 %*** tal-ammont tal-kontribuzzjoni antiċipat u fi kwalunkwe każ ma jaqbiżx **EUR 30 000 000**. Ladarba jkun ġie determinat l-ammont definittiv tal-kontribuzzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra s-somma tal-pagament bil-quddiem qabel ma jitħallas il-bilanċ tal-kontribuzzjoni. Il-Kummissjoni tirkupra pagamenti bil-quddiem mhux dovuti.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4

Regolament 2012/2002

Artikolu 4a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sabiex jiżguraw disponibbiltà fil-ħin tar-riżorsi baġitarji, l-ammonti mill-Fond, ***mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni***, irkuprati mill-Istati Membri, sa massimu ta' EUR 50 000 000, ikunu disponibbli għall-Fond bħala dħul assenjat intern. L-ammonti li jkunu ntefqu bħala pagamenti bil-quddiem jew li jkunu ġew dikummissjonati fil-baġit, jiġu sostitwiti hekk kif ammonti ġodda jkunu ġew irkuprati mill-Istati Membri.

Emenda

2. L-ammont tal-pagament bil-quddiem m'għandux jaqbeż ***il-15 %*** tal-ammont tal-kontribuzzjoni antiċipat u fi kwalunkwe każ m'għandux jaqbeż **EUR 40 000 000**. Ladarba jkun ġie determinat l-ammont definittiv tal-kontribuzzjoni, il-Kummissjoni tikkunsidra s-somma tal-pagament bil-quddiem qabel ma jitħallas il-bilanċ tal-kontribuzzjoni. Il-Kummissjoni għandha tirkupra pagamenti bil-quddiem mhux dovuti.

Emenda

3. Sabiex jiżguraw disponibbiltà fil-ħin tar-riżorsi baġitarji, l-ammonti mill-Fond, irkuprati mill-Istati Membri, sa massimu ta' EUR 50 000 000, ikunu disponibbli għall-Fond bħala dħul assenjat intern. ***L-ammonti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond ta' Koeżjoni, irkuprati mill-Istati Membri skont ir-Regolament 1303/2013 u r-Regolament 1083/2006 jistgħu jkunu disponibbli bħala dħul assenjat intern jekk l-irkupri tal-FSUE ma jkunux biżżejjed***. L-ammonti li jkunu ntefqu bħala pagamenti bil-quddiem jew li jkunu ġew dikummissjonati fil-baġit, jiġu sostitwiti hekk kif ammonti ġodda jkunu ġew irkuprati mill-Istati Membri.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Regolament (KE) Nru 2012/2002

Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-kontribuzzjoni mill-Fond għandha tintuża fi żmien *sena* mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun ħallset l-ammont sħiħ ta' assistenza. Kwalunkwe parti tal-kontribuzzjoni li tibqa' ma tintużax sa dik l-iskadenza jew jinstab li tintuża għal operazzjonijiet mhux eliġibbli, jiġu rkuprati mill-Kummissjoni mill-Istat benefiċjarju.

Emenda

1. Il-kontribuzzjoni mill-Fond għandha tintuża fi żmien **18-il xahar** mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun ħallset l-ammont sħiħ ta' assistenza. Kwalunkwe parti tal-kontribuzzjoni li tibqa' ma tintużax sa dik l-iskadenza jew jinstab li tintuża għal operazzjonijiet mhux eliġibbli, jiġu rkuprati mill-Kummissjoni mill-Istat benefiċjarju.

PROCĊEDURA

Titolu	Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea
Referenzi	COM(2013)0522 – C7-0231/2013 – 2013/0248(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 10.9.2013
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 10.9.2013
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Georgios Stavrakakis 5.9.2013
Data tal-adozzjoni	22.1.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Zuzana Brzobohatá, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, José Manuel Fernandes, Věra Flasarová, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, George Lyon, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Andrej Plenković, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel, Oleg Valjalo, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Da Graça Carvalho, Peter Šťastný, Georgios Stavrakakis

PROCĊEDURA

Titolu	Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea
Referenzi	COM(2013)0522 – C7-0231/2013 – 2013/0248(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	24.7.2013
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 10.9.2013
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 10.9.2013
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Rosa Estaràs Ferragut 24.9.2013
Data tal-adozzjoni	22.1.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 –: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Francesca Barracciu, Catherine Bearder, Victor Boştinaru, Nikos Chrysogelos, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Iñaki Irazabalbeitia Fernández, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Constanze Angela Krehl, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Markus Pieper, Ovidiu Ioan Silaghi, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Lambert van Nistelrooij, Justina Vitkauskaitė Bernard, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Maurice Ponga, Vilja Savisaar-Toomast, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Evžen Tošenovský, Derek Vaughan
Data tat-tressiq	31.1.2014